TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 354/11/GZ

**Sharon Borg**

**vs**

**Antonello Cappitta/European Institute of Education**

Illum 24 ta' Jannar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-25 ta' Awissu, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hames mija u tnax-il Ewro (€512.00), rapprezentanti l-prezz li hallset sabiex tottjeni Diploma, liema Diploma hija qatt ma ottjeniet stante li nghatat certifikat minnflok.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet hadet course tal-psikologija fejn kienet giet imweghda li fl-ahhar tal-course hija kienet ser tinghata Diploma, li tkun rikonoxxuta, pero' minnflok, is-socjeta' ntimata tatha certifikat. Ir-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata hafna drabi, ghaliex ma kenitx kuntenta, pero' is-Sur Cappitta qatt ma wiegeb telefonata minn taghha. Fl-ahhar tawha 'Diploma' li skond hi hija bicca karta printjata li ma tiswa xejn u li m'hijiex rikonoxxuta. Skond ir-rikorrenti, is-socjeta' ntimata qabduha tiffirma karta fejn tghid li hija ma kenitx ser taghmel iktar complaints, pero' ovvjament hi ma ffirmat xejn u ma haditx id-Diploma.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata peress illi hija kienet hallset hames mija u tnax-il Ewro (€512.00) u ghalhekk tippretendi li tinghata Diploma hekk kif kienet giet imwieghda jew li tinghata lura l-flus li kienet hallset. Hija thoss li peress li tinsab f'wheelchair, is-socjeta' ntimata ppruvaw jidhku biha billi tradewha, ghaliex minn dak li s-socjeta' kienet wieghditha hija ma hadet xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, imharrka diversi drabi, m'hijiex debitament notifikata, stante li t-tahrikiet dejjem baqghu 'unclaimed' nonostante l-fatt li l-indirizz huwa wiehed validu. Ill ghalhekk, l-istess socjeta' ntimata msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija stqarret li kienet hallset u kkonkludiet course ghal Diploma pero' meta fil-fatt ikkonkludiet il-course, hija kienet inghatat biss certifikat u mhux Diploma. Ghalhekk, hija kienet hassitha ddizappuntata hafna wara x-xoghol u studju li ghamlet sabiex tikseb l-istess. Stqarret ukoll li hija ma rieditx taccetta c-certifikat u lanqas riedet tiffirma l-karta li tawha sabiex hija ma taghmilx iktar ilmenti.

Ir-rikorrenti stqarret wkoll, wara li giet mistoqsija mill-istess Tribunal, illi l-unika prova li ghandha ghall-ammont li hallset lis-socjeta' ntimata hija rcevuta ghall-ammont ta' mitejn u ghaxar Ewro (€210.00), u li pero' ma ghandiex l-ircevuta l-ohra.

Ir-rikorrenti ezebiet diversi dokumenti, inkluz kopja ta' l-ircevuta ghall-ammont ta' mitejn u ghaxar Ewro (€210.00), kopja ta' ittra mibghuta mis-socjeta' ntimata minn fejn jirrizulta b'mod car il-prezz totali ta' hames mija u tnax-il Ewro (€512.00), kopja tac-certifikat li nghatat meta r-rikorrenti kkonkludiet il-course u kopja tal-kondizzjonijiet stipulati mis-socjeta' ntimata fejn hemm referenza specifika ghall-kwalifika ta' Diploma li kienet ser tinghata jekk wiehed jikkonkludi dan il-course b'mod sodisfacenti..

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mad-dokumenti ezebiti, minn liema jirrizulta ampjament car li kellha tinghata "Diploma accredited by ASET, which is a leading UK awarding body recognised by the UK Qualifications and Curriculum Authority

(QCA).", qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hames mija u tnax-il Ewro (€512) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**